



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 56/23

Il-Lussemburgu, 30 ta' Marzu 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-27/22 | Volkswagen Group Italia u Volkswagen Aktiengesellschaft

Skont l-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona, Volkswagen ma tistax tiġi ssanzjonata fl-Italja minħabba d-“Dieselgate”, wara li kienet diġà ġiet issanzjonata fil-Ġermanja, jekk ma kienx hemm biżżejjed koordinazzjoni bejn il-proċeduri ta' sanzjoni fiż-żewġ Stati

Is-sanzjoni imposta mill-awtoritajiet Taljani tista' tkun ta' natura kriminali u, jekk jiġi ddeterminat li l-fatti huma identiċi għal dawk iġġudikati fil-Ġermanja, tikser id-dritt li wieħed ma jiġix ikkundannat darbtejn għall-istess ksur.

Il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprojbixxi l-kumulu ta' proċeduri jew sanzjonijiet ta' natura kriminali għall-istess fatti kontra l-istess persuna. L-imsemmi prinċipju huwa sanċit fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”).

Il-grupp Volkswagen ikkummerċjalizza fid-dinja kollha għaxar miljuni u seba' mitt elf vettura diesel mgħammra b'sistemi li jibdlu l-kejl ta' emissjonijiet li jniġġsu. Seba' mitt elf minn dawn il-vetturi nbiegħu fl-Italja.

Fl-4 ta' Awwissu 2016, l-Awtorità tad-Difiża tal-Kompetizzjoni Taljana imponiet fuq Volkswagen u s-sussidjarja Taljana tagħha multa ta' EUR ħames miljun peress li qieset li l-bejgħ ta' dawn il-vetturi u r-reklamar qarrieqi li kien sar għalihom – billi enfażizza l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni relatata mal-ambjent – jikkostitwixxu prattiċi kummerċjali żleali. Volkswagen ippreżentat quddiem il-qrati Taljani rikors kontra din il-multa, li kienet l-iktar għolja għal ksur ta' dan it-tip.

Fl-2018, l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Braunschweig, li kien beda fil-Ġermanja proċedura kriminali kontra Volkswagen innotifika lil din tal-aħħar li kienet ġiet ikkundannata tħallas sanzjoni ta' EUR biljun għall-bejgħ fid-dinja kollha tal-imsemmija vetturi kif ukoll għar-reklami li kienet għamlet għalihom. Volkswagen ma kkontestatx is-sanzjoni u ħallset il-multa fit-18 ta' Ġunju 2018.

Fit-3 ta' April 2019, qorti Taljana ċaħdet fl-ewwel istanza r-rikors ta' Volkswagen, minkejja li din l-impriża kienet ġiet ikkundannata b'mod definittiv għall-ħlas tas-sanzjoni fil-Ġermanja. L-imsemmija qorti qieset li s-sanzjoni imposta mill-Awtorità tad-Difiża tal-Kompetizzjoni Taljana kellha bażi legali differenti, b'mod li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma kienx joħloq ostaklu sabiex l-impriża tiġi ssanzjonata fl-Italja.

Volkswagen appellat is-sentenza ta' ċaħda quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), li ressaq talba għal deċiżjoni preliminarj lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jagħmlilha diversi domandi rigward l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

Fl-ewwel lok, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq ikun jaf jekk sanzjonijiet amministrattiva bħal dawk

imposti fuq Volkswagen fl-Italja għandhomx natura kriminali u jekk jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati lill-I-Avukat Ġenerali Manuel Campos Sánchez-Bordona jispjega li **huwa l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) li għandu jiddetermina jekk il-proċeduri u s-sanzjonijiet għandhomx natura kriminali**, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni i) il-kwalifika legali tal-ksur fid-dritt intern; ii) in-natura tas-sanzjoni; u iii) is-severità tas-sanzjoni. L-Avukat Ġenerali jqis li s-sanzjoni imposta fil-Ġermanja hija ta' natura kriminali, u li l-istess japplika għas-sanzjoni fl-Italja. Din tal-aħħar, minkejja li hija kkwalifikata bħala sanzjoni amministrattiva fid-dritt Taljan, **għandha wkoll natura kriminali, peress li għandha għan repressiv u minħabba s-severità tagħha.**

Fit-tieni lok, l-Avukat Ġenerali jqis li **sanzjoni bħal dik imposta mill-Awtorità tad-Difiża tal-Kompetizzjoni Taljana fuq persuna ġuridika (Volkswagen) li wettqet prattiċi kummerċjali żleali tikser, bħala prinċipju, id-dritt li persuna ma tiġix iġġudikata jew ikkundannata f'ambitu kriminali darbtejn għall-istess ksur (Artikolu 50 tal-Karta) jekk din il-persuna ġuridika tkun diġà ġiet ikkundannata preċedentement permezz ta' sentenza definittiva fi Stat Membru ieħor (il-Ġermanja) għal fatti identiċi.**

L-Avukat Ġenerali jsostni li f'dan il-każ hemm **duwalità ta' proċeduri ta' sanzjoni**, fejn dawk Ġermaniżi ġew konklużi permezz ta' **sanzjoni definittiva**, b'mod li għandu jiġi ddeterminat jekk it-tnejn kinux jirrigwardaw jew le l-istess fatti (identikità oġġettiva) u kienux intiżi kontra l-istess persuna (identikità suġġettiva).

Għalkemm l-Avukat Ġenerali jqis li huwa l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) li għandu jiddetermina dan, huwa jemmen li **ż-żewġ proċeduri huma kontra l-istess persuna ġuridika (Volkswagen), u li l-fatti ssanzjonati huma identiċi** mill-perspettiva sostantiva u temporali. **Jekk dan huwa l-każ, jista' jkun li nkiser id-dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta.**

Fit-tielet lok, **il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq ikun jaf jekk f'dan il-każ tistax tkun iġġustifikata deroga għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*.**

L-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona jenfasizza li **l-limitazzjonijiet għal dan id-dritt fundamentali huma suġġetti għal ċerti kundizzjonijiet**: i) il-kumulu ta' sanzjonijiet għandu jkun previst mil-liġi; ii) għandu jiġi osservat il-kontenut essenzjali tad-dritt; iii) għandu jkun hemm raġuni ta' interess ġenerali; u iv) il-limitazzjoni għandha tkun konformi mal-prinċipji ta' neċessità u ta' proporzjonalità.

Skont l-Avukat Ġenerali, f'dan il-każ il-problemi jqumu fir-rigward tar-rekwiżit ta' proporzjonalità u ta' neċessità li jiġi llimitat id-dritt fundamentali. Wieħed mill-elementi li l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) għandu jieħu inkunsiderazzjoni sabiex jeżamina ż-żewġ rekwiżiti huwa, preċiżament, **il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' sanzjoni u l-prova ta' rabta materjali u temporali suffiċjenti mill-viċin bejniethom. Jidher li f'dan il-każ ma kienx hemm tali koordinazzjoni.**

Għalkemm ċerti ambiti tad-dritt tal-Unjoni għandhom mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, f'dan il-każ ma kien hemm ebda mekkaniżmu ta' koordinazzjoni speċifiku li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu jużaw. L-Avukat Ġenerali jirrileva, f'dan ir-rigward, id-diffikultà li jiġi applikat ir-rekwiżit ta' koordinazzjoni meta jiġu akkumulati proċeduri ta' sanzjoni ta' żewġ Stati Membri, mibdija minn awtoritajiet kompetenti f'setturi differenti ta' attività, u fl-assenza ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-interventi tagħhom.

L-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona jipproponi, għalhekk, li r-risposta lill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) tkun fis-sens li **d-dritt fundamentali li wieħed ma jiġix iġġudikat jew ikkundannat darbtejn għall-istess ksur ma jistax jiġi llimitat, meta l-kumulu simultanju ta' proċeduri mibdija u ta' sanzjonijiet imposti minn awtoritajiet nazzjonali ta' żewġ Stati Membri jew iktar, kompetenti f'oqsma differenti, ikun seħħ mingħajr koordinazzjoni suffiċjenti.**

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li

jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

